**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 23 ta' Novembru 2023**

Rikors Numru: 501/23 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 2134/1993)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu ppremetta:

1. Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar is-sittax ta' Novembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disghin (16/11/1993) u minn dan iz-zwieg twieldu zewgt itfal, D li twieled fit-tmienja ta' April tas-sena elf disa'

mija erbgha u disghin (08/04/1994) u Haydon li twieled fil-hdax t' April tas-sena elf disa' mija sebgha u disghin (11/04/1997).

2. Illi l-partijiet ottjenew separazzjoni bonarja permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr Jeannette Laferla Saliba ppublikat nhar il-hmistax (15) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u disghin (1998)

3. Illi l-partijiet ilhom separati de facto minn Mejju tas-sena elf disamija tmienja u disghin (1998).

4. Illi assolutament m'hemm ebda pendenzi dwar hlas ta' manteniment jew kwistjonijiet oħra bejn il-partijiet ta' kwalsijasi natura.

5. Illi l-esponent iddiskuta mal-avukat tieghu, l-Avukat Thomas A. Bartolo, il-possibilita' ta' rikonciljazzjoni u nghata minghand l-istess avukat l-ismijiet u l-indirizzi tal- persuni kwalifikati biex joffru l-għajnuna fil-process ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin u kkonkluda li m' hemm assolutament ebda prospett ghal rikonciljazzjoni.

6. Illi m'hemm ebda prospett ta' rikonciljazzjoni bejn il- partijiet.

7. Illi jikkonkorru l-kriterji kollha stabbiliti skond il-ligi ghall-hall taz-zwieg u d-divorzju tal-partijiet.

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. Tiddikjara illi z-zwieg tieghu mal-intimata C B hu mahlul u li l-partijiet huma divorzjati ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk minn din l-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid- divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi annotat u registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat l-affidavit bix-xiehda tar-rikorrenti;

Rat id-digriet tagħha tas-26 ta' Settembru, 2023;

Rat illi l-intimata debitament notifikata ma dehritx u ma pprezentatx risposta;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mill-15 ta' Settembru 1998;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qegħda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem millum, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.